MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 144/1999/1

Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fil-25 ta’ Gunju, 1983 fil-Knisja Parrokkjali ta’ Haz Zebbug – Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal **D** ta’ erbatax-il (14) sena u **E** ta’ ghaxar (10) snin – Dokument B u C.

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji u theddid da parti tal-konvenut.

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond digriet numru 5/99 tas-Sekond Awla tat-12 ta’ Jannar, 1999, kopja ta’ liema tinsab esebita bhala Dokument D, biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghadhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. Takkordalha l-kura u kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’ zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u okkorrendo ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi jaqbel li l-hajja konjugali saret impossibli izda dan unikament minhabba tortijiet gravi imputabbli lil-attrici u li dwarhom l-konvenut qed jipprevali mill-fakolta lilu moghti mill-Ligi u jressaq il-kontro talba tieghu opportuna.

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda peress li mhux fl-interess tal-minuri li jigu fdati fil-kura u kustodja tal-attrici u difatti il-minuri huma fil-kura u kustodja tal-istess eccipjent.

3. Illi it-tielet talba attrici ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-attrici m' ghandhiex jedd ghall-manteniment minghandu skond il-Ligi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u likwidata skond il-Ligi b' riserva ghall-kontro talba tieghu.

5. Illi jekk jirrizulta li hemm oggetti parafernali appartenenti lill-attrici, ma jkunx hemm oggezzjoni li dawn jigu ikkonsenjati salv xi krediti li jistghu jirrizulta a favur tal-konvenut kontra l-istess attrici.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant li tinsab esebita a fols.22 u 23 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li tinsab esebita a fol.27 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 attribwibbli lill-istess konvenut li minn naha tieghu jattwribwixxi l-htija ghal-firda lill-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap. precitat; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni pesonali.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta’ Gunju 1983 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfafl **D** u Shawn, fis-27 ta’ Mejju 1984 u fit-18 ta’ Gunju 1988 rispettivament.

Illi ghall-ewwel erba’ snin u fuqhom ma kienx hemm inkwiet matrimonjali, izda sussegwentement il-komportament tal-konjugi fil-konfront ta’ xulxin beda jitbiddel, bir-rizultat li wara ncident li sehh f’ xi l-10.00 pm l-attrici telqet mid-dar ta’ fuqha senduqa u marret ghand il-genituri taghha.

Illi in sostanza t-tezi attrici hija fis-sens li l-konvenut kien dejjem mohhu fil-flus u dejjem ghassa ghal flus. Huwa ma kienx jgharraf lill-attrici bil-flus kollha li kien jaqla’ filwaqt li bil-flus li kien jghatiha bil-kemm kienet tlahhaq mal-hajja. L-attrici tattribwixxi l-origini ta’ l-inkwiet bejnha u bejn zewgha ghad-donazzjoni ta’ dar li missierha kien ghamel lil ohtha. Dan il-fatt ma kienx nizel tajjeb mal-konvenut li beda jissuspetta li hut martu kienu ser jiehdu aktar mill-attrici mill-genituri taghhom. Dan id-dizgwid martrimonjali ddegenera f’ okkazzjonijiet ta’ tghajjir, theddid u kliem mhux xieraq da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu; u kien proprju f’ wahda minn dawn l-okkazzjonijiet li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali wara li l-konvenut kien heddidha li jqattaghha b’ mannarett.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li wara l-ewwel erba snin taz-zwieg huwa nduna li martu kellha kaxxa bil-flus li kienet hbiet minnu, u huwa nterpreta dan il-fatt fis-sens li martu kienet qed twarrab parti mill-flus, derivanti mill-qligh tieghu, li huwa kien qieghed fil-kexxun biex minnhom issir ix-xirja. Il-konvenut jghid li, filwaqt li huwa kien jixtieq li

jinvesti l-flus li kien jaqla' fix-xiri ta' proprjeta', l-attrici kien mohha biss biex trekken, u kienet tiddeswadih milli jixtri l-proprjeta', u dan nonostante li huwa, li ghandu s-sengha ta' tile layer, kien jaqla' bejn Lm170 u Lm200 fil-gimgha.

Huwa jghid ukoll li martu kienet izzomm lura minnu sesswalment, u r-relazzjoni ta' bejniethom kienet iddeterjorat biz-zmien, sakemm l-attrici telqet mid-dar matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali huwa mportanti li jigi osservat fuq livell generali li huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri *[PA Caterina Agius vs Benedict Agius – 13.06.1967]* jew episodji izolati li ma jkunux il-kawza propria tas-separazzjoni.

Illi fuq livell aktar specifiku b' referenzza ghall-imputazzjonijiet bazati fuq l-artikolu 40 tal-Kap.16, l-Qrati taghna rritenew illi biex ikun hemm sevizzi_jehtieg ikun hemm mhux biss xi att izolat waqt xi tilwima, imma l-persistenza f' certa imgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien [*PA[PS] Mary Muscat vs Anthony Muscat – 28.02.2003*] - atti persistenti, ripetuti u abtiwali li jirrendu mpossibbli l-konvivenza matrimonjali.

Illi fil-kaz odjern jidher manifest ghal din il-Qorti li l-origini tad-dizgwid matrimonjali huma l-flus. Filwaqt li l-konvenut kien habbrieki fix-xoghol u kien jaqla' hafna flus tant li kien ried jinvesti fil-proprjeta', jidher li l-attrici ma kienitx tafdah f' dan ir-rigward u kienet tissuspetta li ma kienx qed juriha l-istampa finanzjarja shiha. Jirrizulta li l-gid finanzjarju li l-partijiet kienu qed jesperjenzjaw bil-hidma u kapacita' tal-konvenut, minflok serva sabiex sahhah ir-relazzjoni ta' bejniethom, serva l-kuntrarju bir-rizultat li, sforz ta' l-isfiducja reciproka, l-attrici bdiet tberren kontra l-konvenut ghax skond hi kien qed jahbi parti mill-qligh tieghu, filwaqt li l-konvenut kien igorr kontra l-attrici ghax skond hu kienet qed twarrab parti mill-flus li kien ghaddilha ghal hajja. Hija f' din l-atmosfera ta' kuntrasti, sfiducja u suspetti li jsib l-

origni tieghu l-komportament konsegwenzjali tal-partijiet, li serva sabiex bieghed liz-zewg partijiet minn ma xulxin u kkulmina fl-incident li fih l-attrici telqet mid-dar konjugali.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-falliment ta' dan iz-zwieg huwa dovut ghan-nuqqasijiet da parti taz-zewg partijiet, li ma gharfux jikkonvivu bil-ghan ewlieni tal-benessere reciproku, imma dahhlu f' pika u komportament abusiv u gwerier reciproku, kull wiehed bil-mod tieghu, u li jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40. Inoltre, jigi osservat li l-allegazzjoni u sahansitra l-imputazzjoni ta' adulterju maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' martu fil-kontro talba, minghajr xintilla ta' prova, tikkostitwixxi per se ngurja gravi fil-konfront ta' martu.  F' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tosserva li  z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**Kura u Kustodja**
Illi matul l-mori tal-proceduri l-kura u kustodja tat-tfal kienet f' idejn il-konvenut li ha hsieb ghall-bzonnijiet kollha taghhom. Illum il-gurnata dawn saru maggjorenni fil-25 ta' Mejju 2002 u fit-18 ta' Gunju 2006, rispettivament.

**Manteniment**
Illi permezz ta' digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Jannar 1999, il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex jissomministra retta alimentarja ta' Lm27 fil-gimga, rapprezentanti Lm17 manteniment ghall-attrici u Lm10 manteniment ghall-minuri stante li hi kellha access ampju ghall-ulied.

Illi l-provi relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza juru li, filwaqt li l-attrici li llum ghandha sebgha u erbghin [47] sena qatt ma hademt barra mid-dar wara li zzewwget, il-konvenut jaqla' introitu felici. Di fatti fdid-deposizzjoni tieghu tal-21 ta' Gunju 2004[1] huwa jghid li dak iz-zmien kien qed jaqla/ Lm150 fil-gimgha "ghalissa".  Il-konvenut li ghandu tnejn u hamsin sena [52] jghid li huwa kellu jnaqqas mix-xoghol minhabba kondizzjoni medika fir-

[1] Fol.198

rkoptu[2]. Fid-deposizjoni tieghu tat-2 ta' Novembru 2006 quddiem din il-Qorti huwa jghid li llum jdahhal mal-Lm50 fil-gimgha u jahdem biex irawwem lit-tifel tieghu fis-sengha.

Illi din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza, inkluz dak li l-htija tas-separazzjoni hija attriwibbli liz-zewg partijiet, tosserva:

[1] li llum il-gurnata l-attrici mhijex fil-posizzjoni li ssib impieg stabbli li jkollu introitu bizzejjed sabiex isostniha, anke tenut kont tal-livell ta' edukazzjoni taghha li ma jidhirx li huwa wiehed gholi; u ghalhekk, gjalarba l-konvenut ghadu jaghmel xoghol bi qligh ghalkemm ridott hafna, hija ghandha tircevi retta alimentarja minghand il-konvenut; u [2] tenut kont tal-cirkostanzi medici tal-konvenut, kif ukoll tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet, l-quantum tal-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-martu ghandu jkun dak ta' ghoxrin lira fil-gimgha [Lm20].

Illi inoltre, l-attrici ghandha tircevi minghand il-konvenut is-somma ta' tmient elef, mija u erba u tmenin lira maltin [Lm8,184] rapprezentanti arretrat ta' manteniment, in kwantu ghal Lm5,193 manteniment ghaliha mis-17 ta' Lulju 2001 sas 31 ta' Mejju 2007 bir-rata settimanali ta' Lm17; in kwantu ghal Lm434 ghat-tifel **D** mis-17 ta' Lulju 2001 sas-17 ta' Mejju 2002 bir-rata settimanali ta' Lm10; u in kwantu ghal Lm2,557 manteniment ghat-tifel Shawn mis-17 ta' Lulju 2001 sas-17 ta' Gunju 2006 ukoll bir-rata ta' Lm10;

**Assi Parafernali**

Illi l-assi parafernali appartenenti lill-konvenut huma [1] id-dar matrimonjali u [2] s-somma ta' elf u tletin lira maltin [Lm1,030] derivanti mill bejgh tal-proprjeta' bl-isem "Thanks God" Triq Hal Dwin Zebbug.

Illi l-assi parafernali appartenenti lill-attrici jikkonsistu fl-oggetti tad-deheb elenkati fl-affidavit taghha a fol.37 tal-

[2] Certifikat mediku datat 4 ta' April 2006, fol.324

process b’ referenza ghal Mandat ta’ Deskrizzjoni numru 121/99 a fol.246. Dawn l-oggetti ghandhom jigu ritornati lill-attrici mill-konvenut minnufih.

Inoltre, l-attrici ghandha is-segwenti krediti parafernali: [1] Lm1,305 rapprezentanti sehmha mill-valur tal-benefikati maghmula fid-dar konjugali matul iz-zwieg; [2] Lm850 rapprezentanti l-valur tal-bank tal-kcina, assi parafernali taghha; u [3] Lm1,000 rapprezentanti valur bazat fuq stima arbitrio boni viri ta’ l-oggetti elenkati minnha fin-nota tas-sottomissjonijiet tagha a fol.362 that il-partiti [ii] sa [xvi]. Ghalhekk l-krediti parafernali dovuti lill-attrici globalment jammontaw ghal tlett elef, mija hamsa u hamsin lira maltin [Lm3,155].

**Kommunjoni ta l-akkwisti**
***Attiv***
Illi l-assi attivi tal-komunjoni jikkonsistu fi proprjeta’ immobbiljarja, mobbli, polzi ta’ l-assikurazzjoni u vettura.

***Immobbli***
Dawn jinsabu elenkati a fol.356 u 367 tal-process that il-paragrafu “E” bil-valur rispettiv taghhom wara stima li saret mill-perit gudizzjarju l-AIC Mario Cassar.

Il-Qorti tordna li din il-proprjeta’ tigi diviza u assenjata hekk:
[1] Illi l-ghalqa fi Triq Mikelang Sapiano f’ Haz Zebbug, stamata Lm60,000 tigi materjalment diviza bejn iz-zewg partijiet skond ir-rapport tal-perit tekniku esebit a fol.335 et seq tal-process. Il-porzjonijiet A u B ghandhom jigu assenjati lill-partijet bix-xorti jekk ma jifthemux bejniethom mod iehor;

[2] Illi z-zewg garages sitwati fi Triq Princep Baziliku Haz-Zebbug stmati kull wiehed Lm10,000 ghandhom jigi assenjati lill-mara, filwaqt li l-garage l-iehor fl-istess triq stmat Lm35,000 ghandu jigi assenjat lill-konvenut li ghandu jhallas lill-attrici ekwiparazzjoni ta’ Lm15,000.

[3] Illi r-rikavat mill-bejgh tal-qbiela skond id-dokument AC12 esebit a fols.138 u 139, ammontanti ghas-somma ta’ Lm4,438 ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

[4] Illi l-kumpens dovut lill-konjugi mill-Gvern fuq ghalqa gewwa Rahal il-Gdid li taghha huma ghandhom nofs indiviz u li hija soggetta ghall-esproprijazzjoni, dan il-kumpens, inkluz l-interess u danni, li jigu percepiti mill-konjugi ghandhom jinqassmu fi kwoti wgwali bejniethom.

***Mobbli***
Illi l-ghamara u l-oggetti ndikati that il-partiti [ii] sa [xvi] paragrafu 2 that l-intestatura “H.Assi Parafernali tal-Mara” a fol.362, ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, li ghandu jikkumpensa lill-attrici bis-somma ta’ Lm1,000, kif gja fuq spjegat.

***Vettura***
Il-vann Toyota de Luxe numru FAS 689 li qed jinghata valur ta’ Lm1500 qed jigi assenjat lill-konvenut li minn naha tieghu ghandu jhallas lill-attrici l-imsemmija somma.

***Polzi ta’ Assikurazzjoni***
Illi dawn il-polizi ntestati fuq it-tfal tal-partijiet, ghandhom jigu trasferiti fuqhom skond ma ftehmu l-istess partijiet.

Illi r-rikavat tal-Life Policy li tinsab fuq isem ir-ragel ghandhu jinqasam fi kwoti wgwali bejn il-partijiet.

***Depoziti bankarji***
Illi mill-provi jirrizulta li hemm is-segwenti flus formanti parti mill-assi tal-komunjoni:
[1] Lm21,000 rapprezentanti rikavat mill-bejgh tal-Lucky Garage, depozitati f’ kont kongunt mal-HSBC; [2] Flus depozitati fil-Barclays Bank fuq isem iz-zewg partijiet; [3] Lm469.43 depozitati fil-kont numru 444044373 mal-Mid-Med Bank; u [4] £2,427.95 [fol.75] cheque ta’ l-interessi.

Il-Qorti tordna li, wara li jitnqassu l-ammonti rispettivi dovuti lill-partijiet, il-bilanc li talvolta jkun ghad fadal, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

***Passiv***
Illi in propositu jirrizulta li bejn Awissu tas-sena 1998 u Settembru tas-sena 1999 il-konvenut kien issellef diversi somom ta’ flus mill-Bank of Valletta u minghand hutu u neputija kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fols.124 sa 132 u konfermati mill-mutwanti. Fil-prospett anness ma’ l-affidavit tieghu, il-konvenut jindika bhala passiv tal-komunjoni l-ammonti ta’ Lm5,000 u Lm4,600 self dovut minnu lil Concetta Mifsud u Emanuela Mifsud. Huwa jsostni li dan is-self kien kostrett li jaghmlu biex jhallas il-prezz tal-Lucky Garage li konvenut kien xtara bil-hsieb li jrawwmu ghal ibnu izda li sussegwentement rega’ biegh. Huwa jghid li kien kostretta jghamel dan is-self peress li martu kienet kontra li l-fatt li jingibdu flus mill-bank ghal dan il-ghan, u ghalhekk sar kontra l-volonta’ taghha.

In propositu l-Qorti tosserva li taccetta bhala veritiera l-versjoni ta-konvenut li s-self kien sar biex jithallas parti mill-prezz tax-xiri ta’ l-imsemmi garage, u huwa minnu li l-attrici ma kienitx taf b’ dan is-self, izda mill-banda l-ohra ma jistax jigi njorat il-fatt li l-introitu tal-bejgh tal-garage gie eventwalment depozitat f’ kont kongunt bejn il-partijiet, u li ghalhekk minn negozju li sar l-attrici ppercepiet nofs ir-rikavat tal-bejgh. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li, qabel ma jinqasam ir-rikavat ta’ Lm21,000 u l-imghaxijiet rispettivi li jinsabu depozitati fil-kont mal-Bank HSBC kif fuq indikat, jigu prelevati [1] is-somma ta’ Lm8,155 dovuta lill-attrici bhala manteniment arretrat u [2] l-imsemmija ammonti ta’ Lm5,000 u Lm4,600 li ghandhom jigu konsenjati lill-konvenut biex jissodisfa l-imsemmija djun.

Kull dejn iehor ezistenti u maghmul mill-konvenut qed jigi assenjat lilu li allura huwa unikament responsabbli ghal hlas tieghu, inkluz il-kontijiet pendenti mad-dipartiment tat-taxxi interni.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddedici dwar it-talba attrici billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal llum huma maggjorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici retta alimentarja settimanali ta' ghoxrin lira maltin [Lm20], flimkien mas-somma ta' tmient elef, mija, erba u tmenin lira maltin [Lm8,184], kif fuq indikat taht l-intestatura "Manteniment".

[4] tilqa' ir-raba talba u b' effett millum xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenja skond kif fuq indikat that l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[5] tilqa' il-hames talba u tordna lill-konvenut jikkonsenja l-assi parafernali lill-attrici kif fuq indikat, that l-intestatura "Assi Parafernali" flimkien mal-kumpens ta' tlett elef mija u hamsa u hamsin lira maltin [Lm3,155];

L-ispejjez jiqassmu bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal llum huma maggjorenni;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti fis-sens fuq deciz;

[5] tichad il-hames talba;

[6] tilqa' s-sitt talba fis-sens li dina hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, u ma tibqax titqies bhala d-dar konjugali;

[7] tilqa' s-seba' talba fis-sens fuq indikat that l-intestatura "Assi Parafernali" u tordna li l-konvenut jithallas is-somma ta' elf u tletin lira maltin Lm1,030;

L-ispejjez jiqassmu bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------